MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 405/2001

**Il-Pulizija**

**Spettur Paul Bond**
**vs**
**Joseph Sultana**
**Emanuel Barbara**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Sultana ta’ 51 sena, iben il-mejjet Alfred u l-mejta Pawla nee’ Barbara imwieled Tarxien fl-1 ta’ Settembru 1949 u residenti 66, Burial Street, Paola u detentur tal-karta tal-identita’ numru 702649(M) u Emanuel Barbara ta’ 32 sena bin Michael Mifsud u Salvina Barbara imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Jannar 1969 u residenti 83 B, Tal-Borg Street, Paola u detentur tal-karta tal-identita’ numru 44769(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. F'dawn il-gzejjer bejn it-3 ta' Gunju 2001 u s-6 ta' Gunju 2001 xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa cioe' vann li jgib numru DBG723 t'ghamla Toyota ta' kulur abjad, mehud b' qerq jew akkwistat b' reat jew xjentement, b' kull mod li kien, indahlu biex ibieghuh jew imexxuh, liema vann ghandu valur ta' Lm8,500 u dan ghad-dannu ta' Alfred Cauchi minn Haz-Zebbug, Malta.

2. Barra minn dan, Emanuel Barbara akkuzat ukoll talli, b' ghemilu kiser il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti fuqu b' sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati li jgibu d-dati 2 ta' Ottubru, 1998 u 14 ta' Frar, 2000 meta kien wehel piena ta' prigunerija liema sentenzi gew sospizi ghal erba' snin u sentejn rispettivament f' liema operat tas-sospensjoni kien gie marbut li ma jikkommettix reat iehor.

3. U aktar, il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta lill-istess Emanuel Barbara bhala recediv b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 3 ta' Marzu, 2000, meta nstab hati ta' delitt u gie immultat Lm200 multa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta' Gunju 2002 (esebita a fol. 75 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI</u>

a. Fl-Artikoli 334, 289, 28A sa 28H, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Lulju 2002, l-imputati Joseph Sultana u Emanuel Barbara ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.
Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda r-ricettazzjoni ta’ vann bin-numru tar-registrazzjoni TBG 723 ta’ l-ghamla Toyota u ta’ kulur abjad li kien gie rrapurtat bhala misruq minn sidu Alfred Cauchi fit-3 ta’ Gunju 2001. Dan tal-ahhar kien irraporta li huwa kien halla l-vann in kwisjtoni parkeggjat quddiem ir-residenza tieghu u sussegwentement sabu nieqes. Mill-provi rrizulta li fis-6 ta’ Gunju 2001 Shirley Cauchi, li hija l-mara tat-tifel ta’ Alfred Cauchi, lemhet il-vann parkeggjat Rahal il-Gdid u hija nfurmat immedjatament lil Alfred Cauchi li min-naha tieghu informa immedjatament lil Pulizija. Irrizulta wkoll li meta dan tal-ahhar mar fuq il-post sab lill-imputat Joseph Sultana li qallu li huwa kien xtara l-vann ghall-prezz ta’ Lm140. Il-Pulizija nterrogaw lil Joseph Sultana u lil Emanuel Barbara, u cioe’ l-imputati odjerni fejn dawn it-tnejn irrilaxxjaw stqarrija (stqarrijiet relattivi inseriti a fol. 17 sa 21 rispettivament).

L-imputat Emanuel Barbara qal lil Pulizija li waqt li huwa kien qieghed l-Isptar San Luqa jistenna sabiex jiehu d-doza tal-methadone iltaqa’ ma certu wiehed li ma kienx jafu qabel jismu Fredu u meta qallu li missier il-mara (l-imputat Joseph Sultana) kellu problemi bil-magna tal-vann tieghu dan Fredu qallu li kellu magna ta’ vann Toyota ghall-bejgh. Dejjem skond Barbara huwa kien iltaqa’ ma dan Fredu hdejn l-Isptar San Luqa aktar tard fil-gurnata u mbaghad hadu Rahal il-Gdid sabiex ilaqqghu ma’ Joseph Sultana fejn imbaghad Sultana u dan Fredu waslu fi ftehim sabiex Sultana jixtri l-vann ghall-prezz ta’ Lm200. Sultana kien hallas lil Fredu Lm140 u kien gie miftiehem li kellhom jiltaqghu l-ghada sabiex jithallas il-bilanc u jsir it-transfer. Barbara qal li l-vann kien jidher li jiswa madwar tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u qal li ma ra xejn stramb li kien qed jinbiegh ghall-prezz ta’ Lm200.

Joseph Barbara min-naha tieghu qal lil Pulizija li Emanuel Barbara li kien ir-ragel tat-tifla kien sablu lil xi hadd minghand min jixtri magna ta’ vann Toyota u dan peress li l-magna tal-vann tieghu kienet waqfet tahdem u ma setghatx titranga. Sultana jghid li kien iltaqa’ ma dan l-individwu li ried ibieghlu l-magna u dan gie bil-vann ta’ kulur abjad u qallu li l-vann kellu l-licenzja mhux imhallsa ghal diversi snin peress li ma kellux minn fejn ihallasha.

Gie miftiehem li l-vann jittiehed ghand mechanic sabiex ikunu jistghu jaraw jekk il-magna setghatx tinqala' minn fuq il-vann u titwahhal fuq il-vann ta' Sultana izda meta dan tal-ahhar u l-individwu regghu iltaqghu dan staqsih jekk xtaqx jixtri l-vann minflok jixtri l-magna biss u ftehmu fuq prezz ta' Lm200. Sultana jghid li hallas lil dan l-individwu is-somma ta'  Lm140 u ftehmu sabiex jiltaqghu l-ghada sabiex jithallas il-bilanc u l-vann jittiehed ghand mechanic sabiex tinqala' l-magna u l-individwu jigbed il-vann minghajr magna. Sultana qal li l-vann kien jidher li jiswa madwar Lm3000 u ma ra xejn stramb li kien qed ihallas biss Lm140 u m'ghaddilux minn rasu li l-vann seta' kien misruq. Joseph Sultana xehed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 108 u 109 tal-atti processwali) fejn ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija izda specifika li meta huwa kien indika l-valur tal-vann huwa kien ghamel hekk minghajr ma kien jifhem f'dawn l-affarijiet u qal li l-vann kien mahmug meta xtrah u huwa nduna li l-vann kien ghadu kwazi gdid biss wara li dan inhasel mill-mara tieghu. Sultana qal ukoll li huwa kien xtara l-magna u mhux il-vann.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq l-imputati odjerni jinsabu akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati –*

*(a) Jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skond il-valur tal-haga ;*

*(b) Jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm ;*

*(c) Jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja ;*

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz tinsab konvinta sal-grad tac-certezza morali li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tar-reat ta' ricettazzjoni lilhom addebitat. Jirrizulta mill-provi li l-imputat Joseph Sultana instab fil-pussess tal-vann li kien gie misruq xi jiem qabel u jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija tieghu kif ukoll mix-xhieda minnu moghtija li huwa kien xtara dan il-vann minghand persuna li l-anqas biss kien jaf min hi u f'cirkostanzi ghal kollox suspettuzi. L-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat Joseph Sultana dwar kif il-vann gie fil-pussess tieghu hija ghal kollox inverosimili u ma tistghax titwemmen. Il-Qorti difficilment tista' temmen li l-imputat ghazel li jixtri vann li kien jidher li jiswa ferm aktar mill-prezz li ghalih kien qed jinbiegh u minghand persuna li ma jafhiex u minghajr ma l-anqas biss indenja ruhu jiehu d-dettalji taghha u dan minghajr ma jghaddilu l-icken suspett dwar il-provenjenza tal-vann. Irid inoltre jigi rilevat li l-Qorti setghat tirriskontra diversi inkonsistenzi fl-istqarrija tal-imputat Joseph Sultana fejn l-ewwel jghid li kien ser jixtri l-magna tal-vann biss u li kien ftiehem mal-persuna li bieghitlu l-magna li kellu jigi l-ghada sabiex il-vann jittiehed ghand il-mechanic u fejn fl-istess nifs isostni li kien xtara l-vann u mbaghad wara ftit jerga' jibda jsostni li kien xtara biss il-magna. Il-Qorti jidrilha li l-imputat Joseph Sultana kien jaf ben tajjeb li l-vann in kwistjoni kien misruq u accetta li jixtri l-vann ghal prezz daqshekk baxx proprju ghal din ir-raguni.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Emanuel Barbara l-Qorti jidrilha li rrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien imdahhal fil-bejgh tal-vann misruq meta kien ben konxju li l-istess vann kien misruq. Wiehed ma jistghax ma jirrilevax ic-cirkostanzi li fihom l-imputat Emanuel Barbara jghid li ltaqa' mal-persuna li eventwalment bieghet il-vann lill-ko-akkuzat Joseph Sultana, u cioe' waqt li huwa kien qed jistenna l-Isptar San Luqa sabiex jinghata doza ta' methadone. Irid inoltre jigi rilevat li l-imputat Barbara ukoll jghid li ma kienx jaf dettalji dwar il-persuna li huwa jghid li kien jismu Fredu u li d-

deskrizzjoni moghtija minn Emanuel Barbara dwar id-dehra ta’ dan Fredu u dwar x’kien liebes meta ltaqa’ mieghu hija ghal kollox konfliggenti ma dik moghtija mill-imputat Joseph Sultana dwar il-persuna li minghandha xtara l-vann.

Ikkunsidrat:

L-imputat Emanuel Barbara jinsab akkuzat ukoll li kkommetta reat ta’ natura volontarja waqt il-perijodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi. Fl-atti gew esebiti zewg sentenzi moghtija fil-konfronti tal-imputat Emanuel Barbara, l-ewwel wahda moghtija fit-2 ta’ Ottubru 1998 (kopja relattiva inserita a fol. 36 sa 39) fejn l-imputat gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal perijodu ta’ erba’ snin. Mill-fedina penali aggornata tal-imputat Barbara (esebita a fol. 115 sa 121) jirrizulta li permezz ta’ sentenza moghtija fis-6 ta’ Frar 2004 illi din il-Qorti kif diversament presjeduta estendiet il-perijodu operattiv ta’ dik is-sentenza ghal perijodu ulterjuri ta’ erba’ snin u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat in kwantu riferibbli ghal dik is-sentenza. Is-sentenza tal-14 ta’ Frar 2000 imsemmija fit-tieni akkuza ma gietx esebita f’dawn il-proceduri u ghalhekk l-imputat ma hux ser jinstab hati li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza. Il-Prosekuzzjoni inoltre esebiet sentenza ohra moghtija fil-konfronti tal-imputat esebita a fol. 40 sa 42 tal-process moghtija fit-3 ta’ Marzu 2000 fejn l-imputat gie kkundannat multa ta’ Lm200. Il-Prosekuzzjoni gabet id-debita prova tal-identita’ in kwantu jirrigwarda l-imsemmija sentenzi li gew esebiti u ghalhekk ser titratta mal-imputat bhala recidiv skond dak li jiddisponu l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Joseph Sultana l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li huwa ghandu fedina penali relattivament nadifa u ghalhekk fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li jkun opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva u

ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Emanuel Barbara l-Qorti ezaminat il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li huwa inghata aktar minn opportunita' wahda minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu fejn inghata sentenzi sospizi meta gie misjub hati ta' reati konessi mal-pussess tad-droga u anki tar-reat ta' ricettazzjoni. Mill-fedina penali aggornata tal-imputat Barbara izda jidher ukoll li r-reati li taghhom instab hati kollha jirrisalu ghal qabel is-sena 2000. Minhabba it-trapass taz-zmien minn meta nbdew dawn il-proceduri sakemm gew sabiex jigu decizi, liema dewmien ma jidhirx li huwa ghal kollox attribwibbli lill-imputat, u anki minhabba l-fatt li mill-fedina penali aggornata jidher li l-istess imputat qabad it-triq it-tajba l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika l-Artikolu 21 fil-konfronti tieghu u ser timponi piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-18 ta' Gunju 2002 kif ukoll l-Artikoli 334 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikajra li qed issib lill-imputat Joseph Sultana hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-18 ta' Gunju 2002 l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Emanuel Barbara hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah multa ta' elfejn Ewro (€2,000).

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Emanuel Barbara mhux hati tat-tieni akkuza in kwantu din hija riferibbli ghas-sentenza tal-14 ta' Frar 2000 u konsegwentemnt tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza in kwantu riferibbli ghas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 1998.

Ghal kull buon fini l-Qorti tiddikjara li hija spjegat lill-imputat Joseph Sultana il-konsegwenzi legali tas-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu u dwar x’jigri jekk huwa jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------